# BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 1 ta' Gunju 2001**

**Rikors numru 4/92**

**Numru 32**

**Joseph Aquilina u b'digriet tat-12 ta' April 1994 Marlene Azzopardi intervjeniet fil-kawza in statu et terminis**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

Il-Bord preliminarjament,

Ra ir-rikors li bih ir-rikorrenti, wara li ppremetta illi permezz ta' ittra ufficcjali datata 14 ta' Jannar, 1985, l-esponent gie notifikat b'rizoluzzjoni li giet approvata mill-Parlament fl-4 ta' Lulju 1983 u li tirrigwarda diversi area ghall-izvilupp tal-bini, flimkien ma' pjanta ta' Hal-Qormi mill-liema area l-esponent ghandu parti;

Illi fil-fatt l-esponent wiret minghand martu Rebecca li mietet fid-19 ta' Dicembru, 1975, u illum huwa uzufruttwarju ta' l-ghalqa imsejjha

Tal-Andar limiti ta' Hal-Qormi tal-kejl superficcjali ta' tliet elef, mija u tlieta u disghin metru kwadru (3193 m2) li tikkonfina mill-lvant ma' Triq Gdida fi Triq Gharram, mit-tramuntana ma' beni ta' Alexander Attard Montaldo u minn nofsinhar ma' beni ta' Guzeppi Farrugia u kif delineata fuq l-pjanta annessa mar-rikors mmarkata Dok A.

L-esponent talab bir-rispett lill dan il-Bord sabiex:

1. jikkonferma l-jedd ta' l-esponent fuq l-art imsemmija;

2. jiddeciedi u jistabilixxi l-ammont ta' kumpens li ghalieh ghandu dritt l-esponent;

3. jordna u jikkundanna lill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet ihallas lill-esponent il-kumpens hekk likwidat minn dan il-Bord kif inghad.

Ra il-pjanta annessa a fol 2 u 3 tal-atti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, dwar il-jedd tar-rikorrenti Joseph Aquilina gew prodotti diversi provi (ara Dok A a fol 15 tal-atti; Dok C, Dok D u Dok E a fol 21 sa 42 tal-istess atti, pjanta a fol 44 ibid identika ghal ohra a fol 51 u 54 ibid, ix-xhieda ta' Paul Vella, stazzjonat fid-Dipartiment tal-Agrikoltura; ix-xhieda b'affadavit tal-intervenuta in kawza imsemmija a fol 64 sa 68 ibid).

Illi, kif jidher a fol 69 u 72 tal-istess atti, dan il-Bord oltre li iddekreta l-intervent tal-imsemmija Marlene Azzopardi ordna li dan ir-rikors u dak bin-numru 3/95 jinstemghu flimkien anke in rigward il-provi migbura.

Illi sussegwentement il-partijiet involuti bhala rikorrenti qablu li jinkarigaw l-A.I.C. Saviour Borg sabiex jistabilixxi il-porzjoni ta' art appartenenti liz-zewg rikorrenti rispettivament.

Illi l-istess Perit xehed a fol 98 u 99 tal-atti oltre li ikkonferma d-dokumenti a fol 84 u 85 tal-atti, maghmulin minnu stess. Jigi notat li skond l-istess perit l-art appartenenti lil Joseph Bonello ma ghandha x'taqsam xejn mar-rimanenti tal-art appartenenti lil Carmelo u Marlene konjugi Azzopardi (ara l-art mimlija bl-ahmar a fol 85 tal-atti).

Ghalhekk il-Bord jistabilixxi illi, filwaqt li qed jigi dikjarat li l-art mimlija bl-ahmar fuq il-pjanta a fol 85 tal-atti tappartjeni lil Joseph Bonello u liema art ma ghandha x'taqsam xejn ma dik imsemmija fir-rikors dik murija fuq il-pjanti a fol 44, 51 u 54 oltre a fol 2 u 3 ta' dawn l-atti tappartjeni lir-rikorrenti u Marlene Azzopardi qua usufruttwarja u propjetarja rispettivament tal-art in kwistjoni. L-istess Bord jordna li jitkompla is-smiegh ta' dan il-kaz skond il-ligi; Bl-ispejjes riservati.

Alan Calleja
Dep.Reg